MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju, 2021

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fil-13:30.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

Etienne Cauchi – Ambaxxatur taż-żgħażagħ

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 24.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

24.1.2 Dwar il-punt 22.2.9 Il-Kunsillier George Camilleri reġa lmenta li jonqos dettalji li jrid iniżżel. Is-Sindku qal li d-diskussjoni saret, l-affarijiet ġew imniżla kollha fl-aħħar minuti, għandna nħallu l-minuti kif inhuma u din il-materja ma għandiex għalfejn titawwal. Peress li ma kienx hemm qbil dwar l-minuti, ittieħed vot. B'erbgħa voti favur u wieħed kontra, u hekk dawn ġew approvati.

24.1.3 Peress li ma kienx hemm iktar oġġezzjoni ħlief tal-kunsillier George Camilleri, il-minuti kienu approvati u kienu iffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 24.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

24.2.1 Is-SE irrimarkat li ma kien hemm ħadd li attenda għall-laqgħa tal-Lokalita'.

24.2.2 Is-SE qalet li peress li l-azzjonijiet industrijali tas-Segretarji Eżekuttivi huma sospiżi, għalissa hi ser tkompli bix-xogħol tagħha bħas-soltu sakemm ma tkunx mitluba oltre mill-Union tas-SEi.

24.2.3 Is-SE qalet li peress li jrid jiġi iffirmat l-kuntratt il-ġdid tal-Ġbir tal-Iskart Riċiklabbli, ser tibgħat 'Expression of Interest' kif inhu mitlub bil-liġi sabiex min hu interessat japplika. Il-Kunsill qabel unanimament.

24.2.4 Is-Sindku qal li hu flimkien mas-SE ġew interrogati mill-Pulizjia u mill-OHSA fil-preżenza tal-avukat tagħhom, rigward il-mewt traġiku meta sfrondat il-latrina tad-Dwejra. Is-Sindku qal li ingħatat l-informazzjoni meħtieġa hekk kif talbu l-entitajiet.

24.2.5 Is-Sindku qal li darba fix-xahar qed ikollu laqgħa mas-Supretendent Hersey. Is-Sindku qal li kull meta kien hemm bżonn dejjem ħa azzjoni u prova jgħin.

24.2.6 Is-SE qalet li hu ta importanza li l-ħaddiema kollha tal-Kunsill jieħdu kors tal-Job Health and Safety. Wara diskussjoni sar qbil li jsir wieħed miftuħ għal-kulħadd inkluż għar-residenti hekk kif jiġu rilaxxati l-miżuri tad-distanza soċjali peress li l-kors irid ikun wieħed 'hands on'.

24.2.7 Is-SE ressqet ir-Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart għall-approvazzjoni. Dan ġie approvat.

24.2.8 Is-Sindku qal jekk hemm qbil, f'Ġunju terġa tibda l-iskeda tal-ġbir tal-iskart fil-ġurnata tas-Sibt. Il-Kunsill qabel unanimament.

24.2.9 Is-Sindku qal l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku qiegħda f'idejn id-DLG. Kif tasal l-approvazzjoni mingħand id-Direttur Marisa Pisani fi ħdan id-DLG, il-Kunsill japplika mal-Lands.

24.2.10 Is-SE qalet li waslet korrispondenza mis-sid tac-Childcare fejn talbet sabiex meta jiġi ifformulat it-traffic management fi Triq San Lawrenz, nieħdu konsiderazzjoni sabiex isir loading/unloading bay. Wara diskussjoni sar qbil li traffic management hi prassi li issir mit-Transport Malta peress li hi triq arterjali, u l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sabiex nagħtu suġġerimenti lill-istess entita' meta naslu għall-pjanta. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 24.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

24.3.1 Il-Kunsillier George Camilleri saqsa meta ser terġa teħel il-gate tal-iskola. Is-Sindku infurmaħ li dik kienet deċiżjoni tal-iskola. Is-Sindku fakkar ukoll li għal proġett taċ-Ċentru Ċiviku il-gate ppjanata li tkun iktar 'il ġew.

24.3.2 Il-Kunsillier George Camilleri talab sabiex ikollu kopja tal-filmat tal-aħħar żewġ laqgħat. Is-SE qaltlu li ser tagħtih kopja.

24.3.3 Il-Kunsillier Anthony Formosa saqsa jekk hemmx data meta ser jerġgħu jitwaħħlu t-tabelli tad-Dwejra. Is-SE qalet li r-rapport daħal sabiex jeħlu dawn it-tabelli u se terġa tibgħat reminder.

## 24.4 Fondi għall-Amministrazzjoni tad-Dwejra u Assistenza;

24.4.1 Is-Sindku qal li dawn l-aħħar xhur hu flimkien mas-SE u l-avukat, kellhom laqgħat mal-ERA rigward il-kuntratt il-ġdid taċ-Ċentru tad-Dwejra u għall-amministrazzjoni tad-Dwejra. Fil-kuntratt propost, u fuq insistenza tal-Kunsill, il-Kunsill se jieħu, €21,000 kull sena li bihom jiġi amministrat iċ-Ċentru tad-Dwejra u €10,000 oħra l-ewwel sena, fejn ikunu jistgħu jintużaw għal iktar proġetti u attivitajiet. Barra min hekk, ser ikun hemm fondi addizzjonali sabiex isiru iktar investimenti, bħal PV panels li jkunu sors ta enerġija flok il-generator preżenti, attivitajiet kulturali, esebizzjonijiet addizzjonali fiċ-Ċentru u bins tal-baħar li jiġbru skart fl-ilma. L-amministrazzjoni tal-investimenti u proġetti jkunu kollha koperti mil-kuntrattur taċ-Ċentru tad-Dwejra.

Is-Sindku qal li jekk ikun hawn qbil, nimxu għal pass li jmiss sabiex jiġi iffirmat il-kuntratt hekk kif jitlesta. Il-Kunsillier George Camilleri saqsa għal kopja tal-kuntratt sabiex jarah qabel il-Kunsill jasal biex jiffirma. Is-Sindku qallu li l-kuntratt qed jiġi preparat mill-avukati taż-żewġ partijiet, pero għadu mhux konkluż min xi dettalji żgħar. Is-Sindku kompla jgħid li hu qed iressaqha Kunsill sabiex hekk kif il-kuntratt ikun lest, jiġi iffirmat ħalli ma jintilifx żmien, jekk jinħass il-bżonn jitlaqqa l-kunsill qabel l-iffirmar.

Il-Kunsillier George Camilleri qal li hu mhux qed jaqbel li jiġi iffirmat l-kuntratt jekk ma jarax kopja tiegħu qabel. Peress li ma kienx hemm qbil dwar din l-materja, ittieħed vot. Bi erbgħa voti favur u wieħed kontra, u hekk ġiet approvata.

## 24.5 Manutenzjoni tal-Librerija;

24.5.1 Is-Sindku qal li wasalna fl-istadju fejn inxtrat iż-żebgħa sabiex jitkompla l-proġett. Is-Sindku kompla jgħid li qed jistenna sabiex toħroġ skema mir-Reġjun t'Għawdex għall-libreriji sabiex jingħataw fondi għall-proġetti bħal dawn.

## 24.6 Skema tal-Lifelong Learning;

24.6.1 Is-Sindku qal li hu daħħal applikazzjoni sabiex l-kors propost ikun implimentat mal-korisijiet l-oħrajn provduti mill-life long learning. Is-Sindku qal li uża l-proposta tal-kors li intgħata lill-Kunsill ftit ta xhur ilu li kien immirat lejn il-familji. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 24.7 Aġġornament dwar l-Iskemi;

24.7.1 Is-Sindku qal li hu daħħal l-applikazzjoni għall-skema SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament u Żvilupp ta' Playingfields peress li kienet se tagħlaq qabel ma saret il-laqgħa. L-applikazzjoni saret sabiex jiġi mantenut dak li hemm bżonn madwar il-Playing Field ta' Triq Nicholas Monsarrat. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li hu daħħal l-applikazzjoni għall-skema SPI/SCI/3/2020 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 peress li kienet se tagħlaq qabel ma saret il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li hu daħħal l-applikazzjoni għall-skema 'BM-150 - Embellishment of Urban Squares' peress li kienet se tagħlaq qabel ma saret il-laqgħa. Is-Sindku qal li fl-applikazzjoni daħħal t-tisbieħ tal-madwar ta' Pawluzzu, Triq San Lawrenz u sqaqien oħra. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li hu daħħal l-applikazzjoni għall-skema tal-fondi tal-LESA tas-sena 2021 'Ninvestu fil-Lokalita' peress li kienet se tagħlaq qabel ma saret il-laqgħa. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li l-iskema tal-GAGF 4 li applika l-Kunsill sabiex tiġi restawrata s-sala parokkjali, irċivejna r-riżultat u ġejna fit-tielet post. Is-Sindku kompla jgħid li din ma tfissirx li l-applikazzjoni ma kienetx waħda tajba, iżda li ħaddieħor ġab iktar punti.

## 24.8 Triq il-Ġebla tal-Ġeneral;

24.8.1 Is-Sindku qal li x-xogħol amministrattiv li kellu isir mal-WSC sar u l-pass li jmiss hu li l-Ministeru jamenda l-kuntratt bil-figuri ġodda li konna preżentajna bil-Perit tal-Kunsill. Is-Sindku qal li sikwiet jibgħat reminders biex nikkonkludu l-kuntratt sabiex eventwalment jibdew ix-xogħolijiet fuq it-triq.

## 24.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

24.9.1 Ġew approvati unanimament l-pagamenti li kien hemm pendent u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 24.10.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

24.10.1 Il-laqgħa intemmet fis-14:45 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir il-Ħamis, 24 ta' Ġunju 2021 fid-09:00.

IFFIRMATA

Noel Formosa
Sindku

IFFIRMATA

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv